Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0205(COD)

2.2.2024

EMENDI
156 - 364

Abbozz ta' rapport
Michiel Hoogeveen
(PE757.355v01-00)

Qafas għall-Aċċess għad-Data Finanzjarja u emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2022/2554

Proposta għal regolament
(COM(2023)0360 – C9-0215/2023 – 2023/0205(COD))

Emenda 156
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ekonomija tad-data responsabbli, li hija xprunata mill-ġenerazzjoni u l-użu tad-data, hija parti integrali mis-suq intern tal-Unjoni, li jista' jġib benefiċċji kemm għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll għall-ekonomija. It-teknoloġiji diġitali li jiddependu ***fuq id-data*** qed jixprunaw dejjem aktar il-bidla fis-swieq finanzjarji billi jipproduċu mudelli ta' negozju, prodotti u modi ġodda kif id-ditti jkollhom x'jaqsmu mal-klijenti.	(1) Ekonomija tad-data responsabbli, li hija xprunata mill-ġenerazzjoni u l-użu tad-data, hija parti integrali mis-suq intern tal-Unjoni, li jista' jġib benefiċċji kemm għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll għall-ekonomija. It-teknoloġiji diġitali li jiddependu ***mid-data*** qed jixprunaw dejjem aktar il-bidla fis-swieq finanzjarji billi ***jinnovaw,*** jipproduċu mudelli ta' negozju, prodotti u modi ġodda kif id-ditti jkollhom x'jaqsmu mal-klijenti.

Or. en

Emenda 157
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Unjoni għandha interess ta' politika ddikjarat li tippermetti l-aċċess tal-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji għad-data finanzjarja tagħhom. Il-Kummissjoni kkonfermat fil-komunikazzjoni tagħha dwar strateġija għall-finanzi diġitali u fil-Komunikazzjoni dwar unjoni tas-swieq kapitali adottata fl-2021 l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas għall-aċċess għad-data finanzjarja għall-ħsad tal-benefiċċji għall-klijenti ***tal-kondiviżjoni tad-data*** fis-settur finanzjarju. Tali benefiċċji jinkludu l-iżvilupp u l-forniment ta' prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji xprunati mid-data, li jsiru possibbli permezz ***tal-kondiviżjoni*** tad-data tal-klijenti.	(3) L-Unjoni għandha interess ta' politika ddikjarat li tippermetti l-aċċess tal-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji għad-data finanzjarja tagħhom. Il-Kummissjoni kkonfermat fil-komunikazzjoni tagħha dwar strateġija għall-finanzi diġitali u fil-Komunikazzjoni dwar unjoni tas-swieq kapitali adottata fl-2021 l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas għall-aċċess għad-data finanzjarja għall-ħsad tal-benefiċċji għall-klijenti ***tal-ftuħ tad-data tagħhom*** fis-settur finanzjarju. Tali benefiċċji jinkludu l-iżvilupp u l-forniment ***mis-settur finanzjarju*** ta' prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji xprunati mid-data, li jsiru possibbli permezz ***tal-użu mill-ġdid*** tad-data tal-klijenti. ***Billi jinħolqu sinerġiji***

mad-data minn setturi rilevanti oħra, il-potenzjal innovattiv ta' tali prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji jista' jissaħħaħ aktar għall-benefiċċju tal-klijenti u l-ekonomija ġenerali tad-data. L-għan tal-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li jkun il-kondiviżjoni tad-data fis-setturi kollha, kif promoss fl-istrateġija għad-data tagħha.

Or. en

Emenda 158
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Unjoni għandha interess ta' politika ddikjarat li tippermetti l-aċċess tal-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji għad-data finanzjarja tagħhom. Il-Kummissjoni kkonfermat fil-komunikazzjoni tagħha dwar strateġija għall-finanzi diġitali u fil-Komunikazzjoni dwar unjoni tas-swieq kapitali adottata fl-2021 l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas għall-aċċess għad-data finanzjarja għall-ħsad tal-benefiċċji għall-klijenti tal-kondiviżjoni tad-data fis-settur finanzjarju. Tali benefiċċji jinkludu l-iżvilupp u l-forniment ta' prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji xprunati mid-data, li jsiru possibbli permezz tal-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti.	(3) L-Unjoni għandha interess ta' politika ddikjarat li tippermetti l-aċċess tal-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji għad-data finanzjarja tagħhom. Il-Kummissjoni kkonfermat fil-komunikazzjoni tagħha dwar strateġija għall-finanzi diġitali u fil-Komunikazzjoni dwar unjoni tas-swieq kapitali adottata fl-2021 l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas għall-aċċess għad-data finanzjarja għall-ħsad tal-benefiċċji għall-klijenti tal-kondiviżjoni tad-data fis-settur finanzjarju. Tali benefiċċji jinkludu l-iżvilupp u l-forniment ta' prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji xprunati mid-data, li jsiru possibbli permezz tal-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti. ***Sabiex jiġu attwalizzati dawn il-benefiċċji, l-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jiżviluppaw u jipprovdu prodotti u servizzi finanzjarji għall-klijenti mfassla apposta u xprunati mid-data abbażi tal-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti bil-kunsens tagħhom.***

Or. en

Emenda 159
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fi ħdan is-servizzi finanzjarji, u b'riżultat tad-Direttiva riveduta (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-kondiviżjoni tad-data tal-kontijiet tal-pagamenti fl-Unjoni bbażata fuq il-permess tal-klijent bdiet tittrasforma l-mod kif il-konsumaturi u n-negozji jużaw is-servizzi bankarji. Sabiex wieħed jibni fuq il-miżuri f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas regolatorju għall-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fis-settur finanzjarju kollu lil hinn mid-data tal-kontijiet tal-pagamenti. Jenħtieġ li dan ikun ukoll element kostitwenti għall-integrazzjoni sħiħa tas-settur finanzjarju fl-istrateġija tal-Kummissjoni għad-data[8]li tippromwovi l-kondiviżjoni tad-data bejn is-setturi.	(4) Fi ħdan is-servizzi finanzjarji, u b'riżultat tad-Direttiva riveduta (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-kondiviżjoni tad-data tal-kontijiet tal-pagamenti fl-Unjoni bbażata fuq il-permess tal-klijent bdiet tittrasforma l-mod kif il-konsumaturi u n-negozji jużaw is-servizzi bankarji. Sabiex wieħed jibni fuq il-miżuri f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas regolatorju għall-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti***, li tkun ittieħdet minn servizzi finanzjarji pprovduti fl-Unjoni,*** fis-settur finanzjarju kollu lil hinn mid-data tal-kontijiet tal-pagamenti. Jenħtieġ li dan ikun ukoll element kostitwenti għall-integrazzjoni sħiħa tas-settur finanzjarju fl-istrateġija tal-Kummissjoni għad-data[8] li tippromwovi l-kondiviżjoni tad-data bejn is-setturi.
[7] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).	[7] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).
[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1593073685620&uri=CELEX%3A52020DC0066	[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1593073685620&uri=CELEX%3A52020DC0066

Or. en

Emenda 160
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jippermettu servizzi bankarji miftuħa permezz tal-PSD II kienu għoljin għas-settur, b'mod partikolari għal atturi iżgħar. Filwaqt li d-Direttiva ppermettiet l-iżvilupp ta' offerti ġodda u innovattivi lill-klijenti, analiżi tal-kost-benefiċċji hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-espansjoni tas-servizzi bankarji miftuħa għal finanzi miftuħa ma tkunx projbittiva għall-kumpaniji, b'mod partikolari għal dawk iżgħar.

Or. en

Emenda 161
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Dan ir-Regolament għandu japplika biss għad-data finanzjarja li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar "is-servizzi bankarji miftuħa" skont ir-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (PSR/PSD3).

Or. en

Emenda 162
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(5) L-iżgurar tal-kontroll u tal-fiduċja tal-klijenti huwa imperattiv biex jinbena qafas ta' kondiviżjoni tad-data effettiv u li jiffunzjona tajjeb fis-settur finanzjarju. L-iżgurar ta' kontroll effettiv tal-klijenti fuq il-kondiviżjoni tad-data jikkontribwixxi għall-innovazzjoni, kif ukoll għall-fiduċja tal-klijenti fil-kondiviżjoni tad-data. B'riżultat ta' dan, il-kontroll effettiv jgħin biex tingħeleb ir-riluttanza tal-klijenti li jikkondividu d-data tagħhom. Taħt il-qafas attwali tal-Unjoni, id-dritt tal-portabbiltà tad-data ta' suġġett tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]huwa limitat għad-data personali u jista' jiġi invokat biss meta jkun teknikament fattibbli li d-data tiġi ttrasferita. Id-data tal-klijenti u l-interfaċċi tekniċi fis-settur finanzjarju lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti ma humiex standardizzati, u b'hekk il-kondiviżjoni tad-data ssir aktar għalja. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma biss obbligati legalment li jagħmlu d-data dwar il-pagamenti tal-klijenti tagħhom disponibbli.	(5) L-iżgurar tal-kontroll u tal-fiduċja tal-klijenti huwa imperattiv biex jinbena qafas ta' kondiviżjoni tad-data effettiv u li jiffunzjona tajjeb fis-settur finanzjarju. L-iżgurar ta' kontroll effettiv tal-klijenti fuq il-kondiviżjoni tad-data jikkontribwixxi għall-innovazzjoni, kif ukoll għall-fiduċja tal-klijenti fil-kondiviżjoni tad-data. B'riżultat ta' dan, il-kontroll effettiv ***jista'*** jgħin biex tingħeleb ir-riluttanza tal-klijenti li jikkondividu d-data tagħhom. Taħt il-qafas attwali tal-Unjoni, id-dritt tal-portabbiltà tad-data ta' suġġett tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] huwa limitat għad-data personali u jista' jiġi invokat biss meta jkun teknikament fattibbli li d-data tiġi ttrasferita. Id-data tal-klijenti u l-interfaċċi tekniċi fis-settur finanzjarju lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti ma humiex standardizzati, u b'hekk il-kondiviżjoni tad-data ssir aktar għalja ***għan-negozji***. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma biss obbligati legalment li jagħmlu d-data dwar il-pagamenti tal-klijenti tagħhom disponibbli.
[9] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. ***1)***.	[9] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. ***1)***.

Or. en

Emenda 163
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għalhekk, l-ekonomija tad-data finanzjarja tal-Unjoni għadha frammentata, ikkaratterizzata minn kondiviżjoni mhux uniformi tad-data, ostakli, u riluttanza għolja tal-partijiet ikkonċernati biex jinvolvu ruħhom fil-kondiviżjoni tad-data lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti. Għaldaqstant, il-klijenti ma jibbenefikawx minn prodotti u servizzi individwalizzati u xprunati mid-data li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. In-nuqqas ta' prodotti finanzjarji personalizzati jillimita l-possibbiltà ta' innovazzjoni, billi joffri aktar għażla u prodotti u servizzi finanzjarji għall-konsumaturi interessati li inkella jistgħu jibbenefikaw minn għodod xprunati mid-data li jistgħu jappoġġawhom biex jagħmlu għażliet infurmati, iqabblu l-offerti b'mod faċli għall-utenti, u jaqilbu għal prodotti aktar vantaġġużi li jaqblu mal-preferenzi tagħhom abbażi tad-data tagħhom. L-ostakli eżistenti għall-kondiviżjoni tad-data kummerċjali qed iwaqqfu lid-ditti, b'mod partikolari lill-SMEs, milli jibbenefikaw minn servizzi finanzjarji aħjar, konvenjenti u awtomatizzati.	(6) Għalhekk, l-ekonomija tad-data finanzjarja tal-Unjoni għadha frammentata, ikkaratterizzata minn kondiviżjoni mhux uniformi tad-data, ostakli, u riluttanza għolja tal-partijiet ikkonċernati biex jinvolvu ruħhom fil-kondiviżjoni tad-data lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti. Għaldaqstant, il-klijenti ma jibbenefikawx minn prodotti u servizzi individwalizzati u xprunati mid-data li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. In-nuqqas ta' prodotti finanzjarji personalizzati jillimita l-possibbiltà ta' innovazzjoni, billi joffri aktar għażla u prodotti u servizzi finanzjarji għall-konsumaturi interessati li inkella jistgħu jibbenefikaw minn għodod xprunati mid-data li jistgħu jappoġġawhom biex jagħmlu għażliet infurmati, iqabblu l-offerti b'mod faċli għall-utenti, u jaqilbu għal prodotti aktar vantaġġużi li jaqblu mal-preferenzi tagħhom abbażi tad-data tagħhom. L-ostakli eżistenti għall-kondiviżjoni tad-data kummerċjali qed iwaqqfu lid-ditti, b'mod partikolari lill-SMEs, milli jibbenefikaw minn servizzi finanzjarji aħjar, konvenjenti u awtomatizzati.

Or. en

Emenda 164
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-kondiviżjoni tad-data jenħtieġ li tfittex li ttejjeb l-innovazzjoni, tkun ta' benefiċċju għall-klijenti, u tipprovdi prodotti jew servizzi finanzjarji personalizzati innovattivi bbażati, fejn xieraq, fuq każijiet ċari ta' użu. L-eżempji jistgħu jinkludu: it-titjib tas-suq tal-kreditu ipotekarju għall-konsumaturi billi

jiġu żgurati għażliet li jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet jew iċ-ċirkostanzi personali tal-konsumatur; l-iffaċilitar tal-għoti ta' pariri finanzjarji ta' kwalità għolja lill-klijenti; l-użu ta' data dwar l-effiċjenza enerġetika, il-konsum tal-enerġija u l-klima biex jiġu pprovduti servizzi finanzjarji ġodda lill-konsumaturi; l-iżvilupp ta' oqfsa għall-kondiviżjoni tad-data tal-vetturi sabiex l-assiguraturi, fost partijiet ikkonċernati oħra, ikunu jistgħu joffru prodotti innovattivi, inaqqsu l-ħsarat, jgħinu biex itejbu s-sikurezza fit-toroq u l-mobbiltà ekoloġika, u jistimulaw żviluppi teknoloġiċi futuri.

Or. en

Emenda 165
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) It-tqegħid tad-data disponibbli permezz ta' interfaċċi ta' kwalità għolja għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet huwa essenzjali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mingħajr xkiel u effettiv għad-data. Madankollu, lil hinn mill-qasam tal-kontijiet tal-pagamenti, minoranza biss ta' istituzzjonijiet finanzjarji li huma detenturi tad-data jindikaw li jagħmlu d-data disponibbli permezz ta' interfaċċi tekniċi bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Minħabba li l-inċentivi għall-iżvilupp ta' tali servizzi innovattivi huma neqsin, id-domanda tas-suq għall-aċċess għad-data tibqa' limitata.	(7) It-tqegħid tad-data disponibbli permezz ta' interfaċċi ***tekniċi*** ta' kwalità għolja ***bħall-interfaċċi*** għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet huwa essenzjali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mingħajr xkiel u effettiv għad-data. Madankollu, lil hinn mill-qasam tal-kontijiet tal-pagamenti, minoranza biss ta' istituzzjonijiet finanzjarji li huma detenturi tad-data jindikaw li jagħmlu d-data disponibbli permezz ta' interfaċċi tekniċi bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Minħabba li l-inċentivi għall-iżvilupp ta' tali servizzi innovattivi huma neqsin, id-domanda tas-suq għall-aċċess għad-data tibqa' limitata. ***Sabiex titrawwem kondiviżjoni effiċjenti tad-data, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jenħtieġ li jagħmlu użu mill-infrastrutturi eżistenti tal-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u mill-istandards komuni li jkunu ngħataw il-***

mandat mid-Direttiva (UE) 2015/2366 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.

Or. en

Emenda 166
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għalhekk, fil-livell tal-Unjoni huwa ***meħtieġ*** qafas iddedikat u armonizzat għall-aċċess għad-data finanzjarja biex ***iwieġeb għall-ħtiġijiet*** tal-ekonomija diġitali u biex jitneħħew l-ostakli għal suq intern għad-data li jiffunzjona tajjeb. Huma meħtieġa regoli speċifiċi biex jindirizzaw dawn l-ostakli għall-promozzjoni ta' aċċess aħjar għad-data tal-klijenti u, b'hekk, jagħmluha possibbli għall-konsumaturi u d-ditti li jiksbu l-gwadanji li jirriżultaw minn prodotti u servizzi finanzjarji aħjar. Il-finanzi xprunati mid-data jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-industrija mill-provvista tradizzjonali ta' prodotti standardizzati għal soluzzjonijiet imfassla apposta li huma adattati aħjar għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-klijenti, inklużi interfaċċi tal-klijenti li jsaħħu l-kompetizzjoni, itejbu l-esperjenza tal-utenti u jiżguraw servizzi finanzjarji li huma ffokati fuq il-klijent bħala l-utent finali.	(8) Għalhekk, fil-livell tal-Unjoni huwa ***mixtieq*** qafas iddedikat u armonizzat għall-aċċess għad-data finanzjarja biex ***jindirizza l-ħtiġijiet*** tal-ekonomija diġitali u biex jitneħħew l-ostakli għal suq intern għad-data li jiffunzjona tajjeb. Huma meħtieġa regoli speċifiċi biex jindirizzaw dawn l-ostakli għall-promozzjoni ta' aċċess aħjar għad-data tal-klijenti u, b'hekk, jagħmluha possibbli għall-konsumaturi u d-ditti li jiksbu l-gwadanji li jirriżultaw minn prodotti u servizzi finanzjarji aħjar. Il-finanzi xprunati mid-data ***jistgħu*** jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-industrija mill-provvista tradizzjonali ta' prodotti standardizzati għal soluzzjonijiet imfassla apposta li huma adattati aħjar għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-klijenti, inklużi interfaċċi tal-klijenti li jsaħħu l-kompetizzjoni, itejbu l-esperjenza tal-utenti u jiżguraw servizzi finanzjarji li huma ffokati fuq il-klijent bħala l-utent finali.

Or. en

Emenda 167
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li d-data inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament turi valur miżjud għoli għall-innovazzjoni finanzjarja, kif ukoll riskju baxx ta' esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix data relatata mal-assigurazzjoni tal-mard u tas-saħħa ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]kif ukoll data dwar prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE għajr kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix ukoll id-data miġbura bħala parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ***ta' konsumatur***. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tirrispetta l-protezzjoni ta' data kummerċjali kunfidenzjali ***u*** sigrieti kummerċjali.	(9) Jenħtieġ li d-data inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament turi valur miżjud għoli għall-innovazzjoni finanzjarja, kif ukoll riskju baxx ta' esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix data relatata mal-assigurazzjoni tal-mard u tas-saħħa ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] kif ukoll data dwar prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE għajr kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix ukoll id-data miġbura bħala parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tirrispetta l-protezzjoni ta' data kummerċjali kunfidenzjali ***kemm tal-klijenti kif ukoll tad-detentur tad-data. Obbligu li d-data ssir disponibbli għal utent tad-data ma għandux jobbliga l-iżvelar ta'*** sigrieti kummerċjali ***skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2016/943 inkluż, iżda mhux limitat għal, approċċi matematiċi u metodoloġiċi***.
[10] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (riformulazzjoni) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. ***1)***.	[10] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (riformulazzjoni) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. ***1)***.

Or. en

Emenda 168
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li d-data inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament turi valur miżjud għoli għall-innovazzjoni finanzjarja, kif ukoll riskju baxx ta' esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix data relatata mal-assigurazzjoni tal-mard u tas-saħħa ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]kif ukoll data dwar prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE għajr kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix ukoll id-data miġbura bħala parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tirrispetta l-protezzjoni ta' data kummerċjali kunfidenzjali ***u*** sigrieti kummerċjali.	(9) Jenħtieġ li d-data inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament turi valur miżjud għoli għall-innovazzjoni finanzjarja, kif ukoll riskju baxx ta' esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix data relatata mal-assigurazzjoni tal-mard u tas-saħħa ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] kif ukoll data dwar prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE għajr kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix ukoll id-data miġbura bħala parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tirrispetta l-protezzjoni ta' data kummerċjali kunfidenzjali ***kemm tal-klijent kif ukoll tad-detentur tad-data. Data li teħtieġ tiġi kondiviża ma għandhiex tinkludi*** sigrieti kummerċjali ***skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2016/943, inkluż iżda mhux limitata għal approċċi metodoloġiċi***.
[10] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (riformulazzjoni) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. ***1)***.	[10] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (riformulazzjoni) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. ***1)***.

Or. en

Emenda 169
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Għall-fini tal-forniment ta' servizzi u prodotti finanzjarji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli u mal-linji gwida eżistenti tal-Unjoni dwar l-aċċess għad-data personali u l-użu tagħha.

Or. en

Emenda 170
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li ***l-kondiviżjoni tad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex jikkondividu d-data tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab li d-data tiġi kondiviża ma' utent tad-data. ***Din it-talba tista' tiġi sottomessa minn*** utent tad-data ***li jaġixxi f'isem il-klijent***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data jkollu bażi legali valida għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data. Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta'	(10) Jenħtieġ li ***l-aċċess għad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess ***espliċitu*** tal-klijent. ***Il-permess tal-klijent li jagħti aċċess għad-data tiegħu jew tagħha jenħtieġ li jinkiseb permezz ta' kunsens espliċitu, li jenħtieġ li ma jkunx ibbażat biss fuq approċċ "immarka l-kaxxa" jew l-użu ta' frażijiet ġeneralizzati. Meta jfittxu l-permess espliċitu tal-klijent biex juża d-data tiegħu jew tagħha, l-utenti tad-data jenħtieġ li jispeċifikaw x'użu beħsiebhom jagħmlu mid-data tal-klijent, jekk il-klijent jipprovdi l-permess.*** Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex jikkondividu d-data tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab ***b'mod espliċitu*** li d-data tiġi kondiviża ma' utent tad-data. ***L-utent tad-data jenħtieġ li jkun kapaċi juri kif l-aħjar interess tal-klijent se jiġi ssodisfat u ppreżervat. F'konformità mar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Att dwar id-Data), impriża li***

kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jkollu d-dritt li*** jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.

tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ċentrali li tkun ġiet maħtura bħala gwardjan skont ir-Regolament (UE) 2022/19251 ma tistax tkun eliġibbli bħala utent tad-data ***skont dan ir-Regolament. Il-limitazzjoni fuq l-għoti tal-aċċess għall-gwardjani ma teskludihomx mis-suq u ma twaqqafhomx milli joffru s-servizzi tagħhom, peress li l-ftehimiet volontarji bejnhom u bejn id-detenturi tad-data jibqgħu mhux affettwati***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data jkollu bażi legali valida għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata ***biss*** għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. ***Skont dan ir-Regolament, dawn il-finijiet jenħtieġ li jkunu strettament limitati għall-forniment ta' prodott finanzjarju, servizz finanzjarju jew servizz ta' informazzjoni finanzjarja.*** L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin u mingħajr ħlas***. ***Pereżempju,*** meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. ***Bl-istess mod,*** meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jenħtieġ li jkun jista'*** jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679. ***Jenħtieġ li ma jkunx possibbli għall-utent tad-data li jittrasferixxi d-data tal-klijenti lil attur terz mingħajr dan il-permess espliċitu, jew saħansitra lil entità oħra fl-istess grupp.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Customer consent is at the heart of the Commission's proposal. In this respect, the provisions governing this consent should be strengthened. When a client gives his or her permission to

share his or her data, it should not be as simple as ticking a box. Customers need to understand what data they are sharing and for what service. The access to consumer data held by data holders should be conditional on the provision of a financial service by data users. The users will have to demonstrate they have obtained the permission to access customer data. It could be useful to introduce rules on how the permission should be granted to make sure that the customer is aware of the extent of the permission avoiding that they allow something unintentionally. The customer should have no difficulty whatsoever in withdrawing their consent. Customers shall be able to withdraw their permission at any time, free of charge.

Emenda 171
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li ***l-kondiviżjoni tad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex ***jikkondividu d-data*** tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab ***li d-data tiġi kondiviża ma'*** utent tad-data. ***Din it-talba tista' tiġi sottomessa minn*** utent tad-data ***li jaġixxi f'isem il-klijent***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data ***jkollu bażi*** legali valida għall-ipproċessar skont ***ir-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data**.** Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jkollu d-dritt li*** jirtira l-kunsens tiegħu fi	(10) Jenħtieġ li ***l-aċċess għad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess ***espliċitu*** tal-klijent. ***Meta jfittxu l-permess espliċitu tal-klijent biex juża d-data tiegħu, l-utenti tad-data jenħtieġ li jispeċifikaw x'użu beħsiebhom jagħmlu mid-data tal-klijent, jekk il-klijent jipprovdi l-permess.*** Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex ***jippermettu aċċess għad-data*** tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab ***espliċitament li d-data ssir aċċessibbli għal*** utent tad-data. ***F'konformità mar-Regolament (UE) [2023/2854] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Att dwar id-Data), impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ċentrali li tkun ġiet maħtura bħala gwardjan skont ir-Regolament (UE) 2022/19251b ma tistax tkun eliġibbli bħala*** utent tad-data ***skont dan ir-Regolament. Il-limitazzjoni fuq l-għoti tal-aċċess għall-gwardjani ma teskludihomx mis-suq u ma twaqqafhomx milli joffru s-servizzi tagħhom, peress li l-ftehimiet volontarji bejnhom u bejn id-detenturi tad-data jibqgħu mhux affettwati***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data ***jibbaża fuq waħda mill-bażijiet*** legali

kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.	valida għall-ipproċessar skont ***l-Artikolu 6 tar-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata ***biss*** għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. ***Skont dan ir-Regolament, dawn il-finijiet jenħtieġ li jkunu strettament limitati għall-forniment ta' prodott finanzjarju, servizz finanzjarju jew servizz ta' informazzjoni finanzjarja.*** L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin. Pereżempju,*** meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. ***Bl-istess mod,*** meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jenħtieġ li jkun jista'*** jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679. ***Jenħtieġ li ma jkunx possibbli għall-utent tad-data li jittrasferixxi d-data tal-klijenti lil attur terz mingħajr dan il-permess espliċitu, jew saħansitra lil entità oħra fl-istess grupp.***

Or. en

Emenda 172
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li ***l-kondiviżjoni tad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex ***jikkondividu d-data*** tal-klijenti jiġi skattat	(10) Jenħtieġ li ***l-aċċess għad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess ***espliċitu*** tal-klijent. ***Meta jfittxu l-permess espliċitu tal-klijent biex juża d-data tiegħu, l-utenti tad-data jenħtieġ li***

ladarba l-klijent ikun talab ***li d-data tiġi kondiviża ma'*** utent tad-data. ***Din it-talba tista' tiġi sottomessa minn*** utent tad-data ***li jaġixxi f'isem il-klijent***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data ***jkollu bażi*** legali valida għall-ipproċessar skont ***ir-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data***.*** Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jkollu d-dritt li*** jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.

jispeċifikaw x'użu beħsiebhom jagħmlu mid-data tal-klijent, jekk il-klijent jipprovdi l-permess. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex ***jippermettu aċċess għad-data*** tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab ***espliċitament li d-data tiegħu ssir aċċessibbli għal*** utent tad-data. ***F'konformità mar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Att dwar id-Data), impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ċentrali li tkun ġiet maħtura bħala gwardjan skont ir-Regolament (UE) 2022/19251 ma tistax tkun eliġibbli bħala*** utent tad-data ***skont dan ir-Regolament. Il-limitazzjoni fuq l-għoti tal-aċċess għall-gwardjani ma teskludihomx mis-suq u ma twaqqafhomx milli joffru s-servizzi tagħhom, peress li l-ftehimiet volontarji bejnhom u bejn id-detenturi tad-data jibqgħu mhux affettwati***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data ***jibbaża fuq waħda mill-bażijiet*** legali valida għall-ipproċessar skont ***l-Artikolu 6 tar-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata ***biss*** għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. ***Skont dan ir-Regolament, dawn il-finijiet jenħtieġ li jkunu strettament limitati għall-forniment ta' prodott finanzjarju, servizz finanzjarju jew servizz ta' informazzjoni finanzjarja.*** L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin. Pereżempju,*** meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. ***Bl-istess mod,*** meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jenħtieġ li jkun jista'*** jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.

Jenħtieġ li ma jkunx possibbli għall-utent tad-data li jittrasferixxi d-data tal-klijenti lil attur terz mingħajr dan il-permess espliċitu, jew saħansitra lil entità oħra fl-istess grupp.

Or. en

Emenda 173
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex jikkondividu d-data tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab li d-data tiġi kondiviża ma' utent tad-data. ***Din it-talba tista' tiġi sottomessa minn utent tad-data li jaġixxi f'isem il-klijent.*** Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data jkollu bażi legali valida għall-ipproċessar skont ***ir-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data. Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data jkollu d-dritt li jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament	(10) Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex jikkondividu d-data tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab li d-data tiġi kondiviża ma' utent tad-data. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data ***jkun jista' juri li huwa*** jkollu bażi legali valida għall-ipproċessar skont ***l-Artikolu 6(1)(a) jew (b) tar-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin***. Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data jkollu d-dritt li jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif

(UE) 2016/679.	previst fir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 174
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex jikkondividu d-data tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab li d-data tiġi kondiviża ma' utent tad-data. Din it-talba tista' tiġi sottomessa minn utent tad-data li jaġixxi f'isem il-klijent. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data jkollu bażi legali valida għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data. Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data jkollu d-dritt li jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.	(10) Jenħtieġ li l-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex jikkondividu d-data tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab li d-data tiġi kondiviża ma' utent tad-data. Din it-talba tista' tiġi sottomessa minn utent tad-data li jaġixxi f'isem il-klijent ***fejn ikun ingħata permess espliċitu***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data jkollu bażi legali valida għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin***. Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data jkollu d-dritt li jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 175
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti, abbażi tal-kunsens tal-klijent, tagħti s-setgħa b'mod partikolari lill-klijent li jkollu aċċess għal firxa usa' ta' prodotti ta' servizzi u servizzi finanzjarji. Din tipprovdi l-possibbiltà għall-konsumaturi li jibbenefikaw mill-ftuħ tas-Suq Uniku għal aċċess akbar ta' prodotti ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur minn Stati Membri oħra. Mill-banda l-oħra dan għandu jwassal għad-disponibbiltà ta' servizzi u prodotti finanzjarji aktar kompetittivi, iffukati fuq il-klijent u irħas.

Or. en

Emenda 176
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Dan ir-regolament jenħtieġ li jiġi implementat skont l-istandards tal-liġi eżistenti u futura tal-UE fil-qasam tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, kif ukoll il-valuri tas-Suq Uniku. Għaldaqstant, l-impriżi maħtura bħala gwardjani skont ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li ma jkunux utenti tad-data ineliġibbli skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 177
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-fatt li l-klijenti jkunu jistgħu jikkondividu d-data tagħhom dwar l-investimenti attwali tagħhom jista' jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' investiment bl-imnut. Il-ġbir ta' data primarja biex titlesta valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza ta' investitur bl-imnut jieħu ħafna ħin għal klijent u jikkostitwixxi fattur ta' kost sinifikanti għall-konsulenti u għad-distributuri ta' prodotti ta' investiment, ta' pensjoni u prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. ***Il-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti dwar il-parteċipazzjonijiet ta' tfaddil u investimenti fi strumenti finanzjarji, inklużi prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni u d-data miġbura għall-finijiet tat-twettiq ta' valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza tista' ttejjeb il-pariri dwar l-investiment għall-konsumaturi u għandha potenzjal innovattiv qawwi, inkluż fl-iżvilupp ta' pariri personalizzati dwar l-investiment u għodod ta' ġestjoni tal-investiment li jistgħu jagħmlu l-pariri dwar l-investiment bl-imnut aktar effiċjenti. Tali għodod ta' ġestjoni diġà qed jiġu żviluppati fis-suq u jistgħu jiżviluppaw b'mod aktar effettiv fil-kuntest fejn klijent jista' jikkondividi d-data relatata mal-investiment tiegħu***.	(11) Il-fatt li l-klijenti jkunu jistgħu jikkondividu d-data tagħhom dwar l-investimenti attwali tagħhom jista' jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' investiment bl-imnut. Il-ġbir ta' data primarja biex titlesta valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza ta' investitur bl-imnut jieħu ħafna ħin għal klijent u jikkostitwixxi fattur ta' kost sinifikanti għall-konsulenti u għad-distributuri ta' prodotti ta' investiment, ta' pensjoni u prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. ***Għaldaqstant, l-inklużjoni ta' dan it-tip ta' data kif ukoll tal-prerekwiżiti meħtieġa jenħtieġ li tiġi vvalutata bir-reqqa***.

Or. en

Emenda 178
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-fatt li l-klijenti jkunu jistgħu jikkondividu d-data tagħhom dwar l-investimenti attwali tagħhom jista' jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' investiment bl-imnut. ***Il-ġbir ta' data primarja biex titlesta valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza ta' investitur bl-imnut jieħu ħafna ħin għal klijent u jikkostitwixxi fattur ta' kost sinifikanti għall-konsulenti u għad-distributuri ta' prodotti ta' investiment, ta' pensjoni u prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni.*** Il-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti dwar il-parteċipazzjonijiet ta' tfaddil u investimenti fi strumenti finanzjarji, inklużi prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni u d-data miġbura għall-finijiet tat-twettiq ta' valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza tista' ttejjeb il-pariri dwar l-investiment għall-konsumaturi u għandha potenzjal innovattiv qawwi, inkluż fl-iżvilupp ta' pariri personalizzati dwar l-investiment u għodod ta' ġestjoni tal-investiment li jistgħu jagħmlu l-pariri dwar l-investiment bl-imnut aktar effiċjenti. Tali għodod ta' ġestjoni diġà qed jiġu żviluppati fis-suq u jistgħu jiżviluppaw b'mod aktar effettiv fil-kuntest fejn klijent jista' jikkondividi d-data relatata mal-investiment tiegħu.	(11) Il-fatt li l-klijenti jkunu jistgħu jikkondividu d-data tagħhom dwar l-investimenti attwali tagħhom jista' jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' investiment bl-imnut. Il-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti dwar il-parteċipazzjonijiet ta' tfaddil u investimenti fi strumenti finanzjarji, inklużi prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni u d-data miġbura għall-finijiet tat-twettiq ta' valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza tista' ttejjeb il-pariri dwar l-investiment għall-konsumaturi u għandha potenzjal innovattiv qawwi, inkluż fl-iżvilupp ta' pariri personalizzati dwar l-investiment u għodod ta' ġestjoni tal-investiment li jistgħu jagħmlu l-pariri dwar l-investiment bl-imnut aktar effiċjenti. Tali għodod ta' ġestjoni diġà qed jiġu żviluppati fis-suq u jistgħu jiżviluppaw b'mod aktar effettiv fil-kuntest fejn klijent jista' jikkondividi d-data relatata mal-investiment tiegħu.

Or. en

Emenda 179
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Id-data tal-klijenti dwar id-dettalji tal-bilanċ, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet relatati ma' ipoteki, self u tfaddil tista' tippermetti lill-klijenti jiksbu	(12) Id-data tal-klijenti dwar id-dettalji tal-bilanċ, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet relatati ma' ipoteki, self u tfaddil tista' tippermetti lill-klijenti jiksbu

ħarsa ġenerali aħjar lejn id-depożiti tagħhom u jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet ta' tfaddil tagħhom abbażi ta' data dwar il-kreditu. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri d-data tal-klijenti lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti definiti fid-Direttiva (UE) 2015/2366. ***Il-kontijiet ta' kreditu koperti minn linja ta' kreditu li ma jistgħux jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti lil partijiet terzi jenħtieġ li jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta'*** dan ir-Regolament***. Għalhekk,*** jenħtieġ li ***jinftiehem li dan ir-Regolament ikopri*** l-aċċess ***għad-dettalji dwar il-bilanċ***, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet ***relatati mal-ftehimiet ta' kreditu ipotekarju, mas-self u mal-kontijiet ta' tfaddil, kif ukoll mat-tipi ta' kontijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366***[11].

[11] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

ħarsa ġenerali aħjar lejn id-depożiti tagħhom u jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet ta' tfaddil tagħhom abbażi ta' data dwar il-kreditu. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri d-data tal-klijenti lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti definiti fid-Direttiva (UE) 2015/2366[11]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ***ma jkoprix*** l-aċċess ***għad-data dwar il-bilanċi***, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet ***tal-kontijiet tal-pagament kif definit skont id-Direttiva (UE) / ir-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (PSR/PSD3)***.

[11] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

Or. en

Emenda 180
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-data tal-klijenti inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà li jenħtieġ li tippermetti lill-klijenti	***imħassar***

jaċċessaw aktar faċilment servizzi finanzjarji li huma allinjati mal-preferenzi ta' sostenibbiltà u mal-ħtiġijiet ta' finanzi sostenibbli tagħhom, f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli[12]. L-aċċess għal data relatata mas-sostenibbiltà li tista' tkun inkluża fid-dettalji tal-bilanċ jew tat-tranżazzjoni relatati ma' kont ta' ipoteka, ta' kreditu, ta' self u ta' tfaddil, kif ukoll l-aċċess għal data tal-klijenti relatata mas-sostenibbiltà miżmuma mid-ditti ta' investiment, jistgħu jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw l-aċċess għad-data meħtieġa għall-aċċess għal finanzi sostenibbli jew jagħmlu investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li tista' tipprovdi għarfien akbar dwar l-objettivi ta' sostenibbiltà ta' ditti żgħar. L-inklużjoni tad-data użata għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tissimplifika l-applikazzjoni għas-self. Jenħtieġ li tali data tkun limitata għal data dwar id-ditti u jenħtieġ li ma tiksirx id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

---

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM/2021/390 final.

Or. en

Emenda 181
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-data tal-klijenti inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà li jenħtieġ li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw aktar faċilment servizzi finanzjarji li huma allinjati mal-preferenzi ta' sostenibbiltà u mal-ħtiġijiet ta' finanzi sostenibbli tagħhom, f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli[12]. L-aċċess għal data relatata mas-sostenibbiltà li tista' tkun inkluża fid-dettalji tal-bilanċ jew tat-tranżazzjoni relatati ma' kont ta' ipoteka, ta' kreditu, ta' self u ta' tfaddil, kif ukoll l-aċċess għal data tal-klijenti relatata mas-sostenibbiltà miżmuma mid-ditti ta' investiment, jistgħu jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw l-aċċess għad-data meħtieġa għall-aċċess għal finanzi sostenibbli jew jagħmlu investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li d-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li tista' tipprovdi għarfien akbar dwar l-objettivi ta' sostenibbiltà ta' ditti żgħar. L-inklużjoni tad-data użata għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tissimplifika l-applikazzjoni għas-self. Jenħtieġ li tali data tkun limitata għal data dwar id-ditti u jenħtieġ li ma tiksirx id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.***	(13) Id-data tal-klijenti inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà li jenħtieġ li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw aktar faċilment servizzi finanzjarji li huma allinjati mal-preferenzi ta' sostenibbiltà u mal-ħtiġijiet ta' finanzi sostenibbli tagħhom, f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli[12]. L-aċċess għal data relatata mas-sostenibbiltà li tista' tkun inkluża fid-dettalji tal-bilanċ jew tat-tranżazzjoni relatati ma' kont ta' ipoteka, ta' kreditu, ta' self u ta' tfaddil, kif ukoll l-aċċess għal data tal-klijenti relatata mas-sostenibbiltà miżmuma mid-ditti ta' investiment, jistgħu jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw l-aċċess għad-data meħtieġa għall-aċċess għal finanzi sostenibbli jew jagħmlu investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika.
[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-	[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-

Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM/2021/390 final.

Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM/2021/390 final.

Or. en

Emenda 182
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-data tal-klijenti inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà li jenħtieġ li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw aktar faċilment servizzi finanzjarji li huma allinjati mal-preferenzi ta' sostenibbiltà u mal-ħtiġijiet ta' finanzi sostenibbli tagħhom, f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli[12]. L-aċċess għal data relatata mas-sostenibbiltà li tista' tkun inkluża fid-dettalji tal-bilanċ jew tat-tranżazzjoni relatati ma' kont ta' ipoteka, ta' kreditu, ta' self u ta' tfaddil, kif ukoll l-aċċess għal data tal-klijenti relatata mas-sostenibbiltà miżmuma mid-ditti ta' investiment, jistgħu jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw l-aċċess għad-data meħtieġa għall-aċċess għal finanzi sostenibbli jew jagħmlu investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li tista' tipprovdi għarfien akbar dwar l-objettivi ta' sostenibbiltà ta' ditti żgħar. L-inklużjoni tad-data użata għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tissimplifika l-applikazzjoni għas-self. Jenħtieġ li tali data	(13) Id-data tal-klijenti inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà***, fejn applikabbli,*** li jenħtieġ li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw aktar faċilment servizzi finanzjarji li huma allinjati mal-preferenzi ta' sostenibbiltà u mal-ħtiġijiet ta' finanzi sostenibbli tagħhom, f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli[12]. L-aċċess għal data relatata mas-sostenibbiltà li tista' tkun inkluża fid-dettalji tal-bilanċ jew tat-tranżazzjoni relatati ma' kont ta' ipoteka, ta' kreditu, ta' self u ta' tfaddil, kif ukoll l-aċċess għal data tal-klijenti relatata mas-sostenibbiltà miżmuma mid-ditti ta' investiment, jistgħu jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw l-aċċess għad-data meħtieġa għall-aċċess għal finanzi sostenibbli jew jagħmlu investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li tista' tipprovdi għarfien akbar dwar l-objettivi ta' sostenibbiltà ta' ditti żgħar. L-inklużjoni tad-data użata għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tissimplifika l-applikazzjoni għas-self. Jenħtieġ li tali data

tkun limitata għal data dwar id-ditti u jenħtieġ li ma tiksirx id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM/2021/390 final.

tkun limitata għal data dwar id-ditti u jenħtieġ li ma tiksirx id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM/2021/390 final.

Or. en

Emenda 183
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-data tal-klijenti relatata mal-forniment ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja hija essenzjali biex ikunu possibbli prodotti u servizzi tal-assigurazzjoni importanti għall-ħtiġijiet ta' klijent, bħall-protezzjoni ta' djar, vetturi u proprjetà oħra. Fl-istess ħin, il-ġbir ta' tali data ***spiss ikun ta' piż u jiswa ħafna flus u jista' jaġixxi*** bħala deterrent kontra t-tfittxija tal-aħjar kopertura tal-assigurazzjoni mill-klijenti. Sabiex tiġi indirizzata din il-problema, huwa għalhekk meħtieġ li tali servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li d-data tal-klijenti dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi kemm informazzjoni dwar il-prodott tal-assigurazzjoni, bħad-dettall dwar kopertura tal-assigurazzjoni, kif ukoll data speċifika għall-assi assigurati tal-konsumaturi li jinġabru għall-finijiet ta' test tad-domandi u tal-ħtiġijiet. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni ta' tali data tippermetti l-iżvilupp ta' għodod personalizzati għall-	(14) Id-data tal-klijenti relatata mal-forniment ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja hija essenzjali biex ikunu possibbli prodotti u servizzi tal-assigurazzjoni importanti għall-ħtiġijiet ta' klijent, bħall-protezzjoni ta' djar, vetturi u proprjetà oħra. Fl-istess ħin, il-ġbir ta' tali data ***tiswa ħafna flus għall-konsulenti, għad-distributuri ta' prodotti ta' investiment, prodotti tal-pensjoni, prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni kif ukoll prodotti ta' assigurazzjoni mhux relatati mal-ħajja, u jkunu spiss ta' piż għall-klijenti u jistgħu jaġixxu*** bħala deterrent kontra t-tfittxija tal-aħjar kopertura tal-assigurazzjoni mill-klijenti. Sabiex tiġi indirizzata din il-problema, huwa għalhekk meħtieġ li tali servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li d-data tal-klijenti dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi kemm informazzjoni dwar il-prodott tal-assigurazzjoni, bħad-dettall dwar kopertura tal-assigurazzjoni, kif ukoll

klijenti, bħal dashboards tal-assigurazzjoni li jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jiġġestixxu aħjar ir-riskji tagħhom. Dan jista' jgħin ukoll lill-klijenti jiksbu prodotti li huma mmirati aħjar għad-domandi u l-ħtiġijiet tagħhom, inkluż permezz ta' pariri aktar siewja. Dan jista' jikkontribwixxi għal kopertura tal-assigurazzjoni aktar ottimali għall-klijenti u żieda fl-inklużjoni finanzjarja ta' konsumaturi li altrimenti ma jkunux moqdija biżżejjed, billi joffri kopertura ġdida jew miżjuda. Barra minn hekk, il-kondiviżjoni tad-data tal-assigurazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju għal provvista aktar effiċjenti ta' assigurazzjoni, inkluż, b'mod partikolari, fl-istadji tad-disinn tal-prodotti, is-sottoskrizzjoni, l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, inklużi l-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-mitigazzjoni tar-riskju.

data speċifika għall-assi assigurati tal-konsumaturi li jinġabru għall-finijiet ta' test tad-domandi u tal-ħtiġijiet. Jenħtieġ li l-kondiviżjoni ta' tali data tippermetti l-iżvilupp ta' għodod personalizzati għall-klijenti, bħal dashboards tal-assigurazzjoni li jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jiġġestixxu aħjar ir-riskji tagħhom. Dan jista' jgħin ukoll lill-klijenti jiksbu prodotti li huma mmirati aħjar għad-domandi u l-ħtiġijiet tagħhom, inkluż permezz ta' pariri aktar siewja. Dan jista' jikkontribwixxi għal kopertura tal-assigurazzjoni aktar ottimali għall-klijenti u żieda fl-inklużjoni finanzjarja ta' konsumaturi li altrimenti ma jkunux moqdija biżżejjed, billi joffri kopertura ġdida jew miżjuda. Barra minn hekk, il-kondiviżjoni tad-data tal-assigurazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju għal provvista aktar effiċjenti ta' assigurazzjoni, inkluż, b'mod partikolari, fl-istadji tad-disinn tal-prodotti, is-sottoskrizzjoni, l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, inklużi l-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-mitigazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 184
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-kondiviżjoni tad-data dwar it-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali ***għandha potenzjal innovattiv qawwi*** għall-konsumaturi***.*** Dawk li jfaddlu għall-pensjoni spiss ma jkollhomx ***biżżejjed*** għarfien dwar id-drittijiet tal-pensjoni tagħhom, li huwa relatat mal-fatt li d-data dwar tali drittijiet spiss tkun imxerrda bejn detenturi tad-data differenti. Il-kondiviżjoni tad-data relatata mat-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali jenħtieġ li ***tikkontribwixxi għall-iżvilupp***	(15) Il-kondiviżjoni tad-data dwar it-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali ***jistgħu joħolqu valur miżjud*** għall-konsumaturi ***f'każ li dawn jagħżlu l-fornitur u l-iskema tal-pensjoni. Speċjalment meta ma jkunx hemm sistemi ta' traċċar nazzjonali,*** dawk li jfaddlu għall-pensjoni spiss ma jkollhomx għarfien ***olistiku*** dwar id-drittijiet tal-pensjoni tagħhom, li huwa relatat mal-fatt li d-data dwar tali drittijiet spiss tkun imxerrda bejn detenturi tad-data differenti. Il-

ta' għodod ta' traċċar ***tal-pensjonijiet li jipprovdu lil dawk li jfaddlu b'ħarsa*** ġenerali ***komprensiva lejn*** l-intitolamenti ***tagħhom u l-introjtu tal-irtirar kemm fi ħdan Stati Membri speċifiċi kif*** ukoll ***b'mod transfruntier fl-Unjoni. Id-data dwar id-drittijiet tal-pensjoni tikkonċerna b'mod partikolari l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati, il-livelli pproġettati ta' benefiċċji tal-irtirar, ir-riskji u l-garanziji tal-membri u l-benefiċjarji tal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali. L-aċċess għad-data relatata mal-pensjonijiet okkupazzjonali huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet, inkluża s-sħubija fi skemi u l-eżiti ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv***.	kondiviżjoni tad-data relatata mat-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali ***skont dan ir-regolament*** jenħtieġ li ***tkun allinjata mas-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet nazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' kontenut, aċċess għad-data kif ukoll formati tad-data. Is-sistemi*** ta' traċċar ***tal-pensjoni nazzjonali li jistgħu jiżguraw bl-aktar mod effettiv ħarsiet*** ġenerali ***komprensivi billi jinkludu*** l-intitolamenti ***mill-ewwel u t-tieni pilastru (skemi ta' pensjoni pubbliċi u okkupazzjonali) u f'xi każijiet*** ukoll ***mill-iskemi personali tat-tielet pilastru. L-allinjament huwa wkoll mixtieq rigward forom emerġenti ta' skambju tad-data bejn sistemi ta' traċċar ta' pensjoni mazzjonali, bl-aktar mod partikolari s-Sistema Ewropea ta' Traċċar. Id-data dwar id-drittijiet tal-pensjoni tikkonċerna b'mod partikolari l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati, il-livelli pproġettati ta' benefiċċji tal-irtirar, ir-riskji u l-garanziji tal-membri u l-benefiċjarji tal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Pension tracking itself is not a "new" or "innovative" service. We therefore recommend a more guarded wording for the added value of tracking services based on the FIDA regulation. Especially national pension tracking systems that regularly include first pillar entitlements and also include entitlements of pillar 2 and or pillar 3 are generally more holistic than and offer a more reliable projection of retirement benefits in comparison to any conceivable FIDA-based tracking service.

Ultimately, the recital should also deal with the potential effect of FIDA-based tracking-services on already existing or emerging national tracking services. Due to the competence of Member States for "national social and labour law on the organisation of pension systems" we propose to delete the paragraph starting with "Access to data ….".

Emenda 185
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Id-data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' ditta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni li ditta tipprovdi lill-istituzzjonijiet u lill-krediturі bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni għal self jew talba għal klassifikazzjoni tal-kreditu. Din tinkludi applikazzjonijiet għal self ta' intrapriżi mikro, żgħar, medji u kbar. Hija tista' tinkludi data miġbura mill-istituzzjonijiet u l-krediturі kif stabbilit fl-Anness II tal-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self[13]. Tali data tista' tinkludi rapporti u projezzjonijiet finanzjarji, informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet finanzjarji u l-arretrati fil-ħlas, evidenza tas-sjieda tal-kollateral, evidenza tal-assigurazzjoni tal-kollateral u informazzjoni dwar il-garanziji. Data addizzjonali tista' tkun rilevanti jekk l-iskop tal-applikazzjoni għas-self ikun relatat max-xiri ta' proprjetà immobbli kummerċjali jew mal-iżvilupp ta' proprjetà immobbli.	***imħassar***
[13] Rapport Finali tal-EBA dwar il-Linji Gwida dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self.pdf (europa.eu), 29.5.2020.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data miġbura bħala parti minn applikazzjoni għal self jew talba għal klassifikazzjoni tal-kreditu għall-kumpaniji m'għandhiex tkun fl-ambitu tal-applikazzjoni

Emenda 186
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Id-data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' ditta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni li ditta tipprovdi lill-istituzzjonijiet u lill-kredituri bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni għal self jew talba għal klassifikazzjoni tal-kreditu. Din tinkludi applikazzjonijiet għal self ta' intrapriżi mikro, żgħar, medji u kbar. Hija tista' tinkludi data miġbura mill-istituzzjonijiet u l-kredituri kif stabbilit fl-Anness II tal-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self[13]. Tali data tista' tinkludi rapporti u projezzjonijiet finanzjarji, informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet finanzjarji u l-arretrati fil-ħlas, evidenza tas-sjieda tal-kollateral, evidenza tal-assigurazzjoni tal-kollateral u informazzjoni dwar il-garanziji. Data addizzjonali tista' tkun rilevanti jekk l-iskop tal-applikazzjoni għas-self ikun relatat max-xiri ta' proprjetà immobbli kummerċjali jew mal-iżvilupp ta' proprjetà immobbli.	***imħassar***

[13] Rapport Finali tal-EBA dwar il-Linji Gwida dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self.pdf (europa.eu), 29.5.2020.

Or. en

Emenda 187
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Id-data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' ditta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-	(16) Id-data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' ditta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-

Regolament jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni li ditta tipprovdi lill-istituzzjonijiet u lill-krediturі bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni għal self ***jew talba għal klassifikazzjoni tal-kreditu***. Din tinkludi applikazzjonijiet għal self ta' intrapriżi mikro, żgħar, medji u kbar. Hija tista' tinkludi data miġbura mill-istituzzjonijiet u l-krediturі kif stabbilit fl-Anness II tal-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self[13]. Tali data tista' tinkludi rapporti u projezzjonijiet finanzjarji, informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet finanzjarji u l-arretrati fil-ħlas, evidenza tas-sjieda tal-kollateral, evidenza tal-assigurazzjoni tal-kollateral u informazzjoni dwar il-garanziji. Data addizzjonali tista' tkun rilevanti jekk l-iskop tal-applikazzjoni għas-self ikun relatat max-xiri ta' proprjetà immobbli kummerċjali jew mal-iżvilupp ta' proprjetà immobbli.	Regolament jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni li ditta tipprovdi lill-istituzzjonijiet u lill-krediturі bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni għal self. Din tinkludi applikazzjonijiet għal self ta' intrapriżi mikro, żgħar, medji u kbar. Hija tista' tinkludi data miġbura mill-istituzzjonijiet u l-krediturі kif stabbilit fl-Anness II tal-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self[13]. Tali data tista' tinkludi rapporti u projezzjonijiet finanzjarji, informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet finanzjarji u l-arretrati fil-ħlas, evidenza tas-sjieda tal-kollateral, evidenza tal-assigurazzjoni tal-kollateral u informazzjoni dwar il-garanziji. Data addizzjonali tista' tkun rilevanti jekk l-iskop tal-applikazzjoni għas-self ikun relatat max-xiri ta' proprjetà immobbli kummerċjali jew mal-iżvilupp ta' proprjetà immobbli.
[13] Rapport Finali tal-EBA dwar il-Linji Gwida dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self.pdf (europa.eu), 29.5.2020.	[13] Rapport Finali tal-EBA dwar il-Linji Gwida dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self.pdf (europa.eu), 29.5.2020.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kondiviżjoni tad-data hija ta' użu limitat fil-każ ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Id-data użata mis-CRAs hija fil-biċċa l-kbira data pprovduta direttament mill-klijent. Il-biċċa l-kbira tad-data l-oħra hija ta' natura kummerċjalment sensittiva u ma għandhiex tiġi kondiviża mal-kompetituri.

Emenda 188
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Id-data meħtieġa biex jitwettqu proċessi ta' Know-Your-Customer (KYC)

minn ditti finanzjarji, inkluži intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, tista' tkun ta' valur meta jintlaqgħu klijenti ġodda. Għalhekk, il-kondiviżjoni ta' tali data jenħtieġ li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-ostakli għall-bdil tal-fornituri u għalhekk tirriżulta f'aktar kompetizzjoni u innovazzjoni għall-prodotti u s-servizzi finanzjarji għall-benefiċċju tal-klijenti.

Or. en

Emenda 189
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba li dan ir-Regolament huwa maħsub biex jobbliga lill-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu aċċess għal kategoriji definiti ta' data fuq talba tal-klijent meta jaġixxu bħala detenturi tad-data, u jippermetti l-kondiviżjoni ta' data bbażata fuq il-permess tal-klijent meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jaġixxu bħala utenti tad-data, jenħtieġ li jipprovdi lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jaġixxu bħala detentur tad-data, utent tad-data jew it-tnejn. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji jinftiehmu bħala li jfissru dawk l-entitajiet li jipprovdu prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji jew li joffru servizzi ta' informazzjoni rilevanti lill-klijenti fis-settur finanzjarju.	(17) Minħabba li dan ir-Regolament huwa maħsub biex jobbliga lill-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu aċċess għal kategoriji definiti ta' data fuq talba tal-klijent meta jaġixxu bħala detenturi tad-data, u jippermetti l-kondiviżjoni ta' data bbażata fuq il-permess tal-klijent meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jaġixxu bħala utenti tad-data, jenħtieġ li jipprovdi lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jaġixxu bħala detentur tad-data, utent tad-data jew it-tnejn. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji jinftiehmu bħala li jfissru dawk l-entitajiet li jipprovdu prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji jew li joffru servizzi ta' informazzjoni rilevanti lill-klijenti fis-settur finanzjarju. ***Id-data miksuba minn parti terza meta d-detentur tad-data ma jkunx id-detentur oriġinali tad-data jenħtieġ li ma tkunx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.***

Or. en

Emenda 190
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Alfred Sant, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-perimetru tal-użu tad-data b'hekk stabbilit f'dan ir-Regolament u ***fil-linji gwida ta' akkumpanjament ("il-linji gwida")*** li għandhom jiġu żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) jenħtieġ li jipprovdi qafas proporzjonat dwar kif jenħtieġ li tintuża d-data personali relatata ma' konsumatur li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-perimetru tal-użu tad-data jiżgura konsistenza bejn il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jeskludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur, kif ukoll data relatata mal-assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard ta' konsumatur, u l-kamp ta' applikazzjoni ***tal-linji gwida***, li jistabbilixxu rakkomandazzjonijiet dwar kif tipi ta' data li joriġinaw minn oqsma oħrajn tas-settur finanzjarju li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw biex jipprovdu dawn il-prodotti u s-servizzi. ***Jenħtieġ li l-linji gwida żviluppati mill-EBA jistabbilixxu kif tipi oħrajn ta' data li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw biex jiġi evalwat ir-riskju ta' kreditu ta' konsumatur. Jenħtieġ li l-linji gwida żviluppati mill-EIOPA jistabbilixxu kif id-data fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tintuża fi prodotti u servizzi relatati mal-valutazzjoni u l-ipprezzar tar-riskju fil-każ ta' prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard. Jenħtieġ li l-linji gwida jiġu żviluppati b'mod li jkun allinjat mal-ħtiġijiet tal-konsumatur u proporzjonat mal-forniment ta' tali prodotti u servizzi.***	(19) Il-perimetru tal-użu tad-data b'hekk stabbilit f'dan ir-Regolament u ***fl-istandards tekniċi regolatorji*** li għandhom jiġu żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) jenħtieġ li jipprovdi qafas proporzjonat dwar kif jenħtieġ li tintuża d-data personali relatata ma' konsumatur li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-perimetru tal-użu tad-data jiżgura konsistenza bejn il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jeskludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur, kif ukoll data relatata mal-assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard ta' konsumatur, u l-kamp ta' applikazzjoni ***tal-istandards tekniċi regolatorji***, li jistabbilixxu rakkomandazzjonijiet dwar kif tipi ta' data li joriġinaw minn oqsma oħrajn tas-settur finanzjarju li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw biex jipprovdu dawn il-prodotti u s-servizzi.

Jenħtieġ li l-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-EBA jistabbilixxu kif tipi oħrajn ta' data li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw biex jiġi evalwat ir-riskju ta' kreditu ta' konsumatur. Jenħtieġ li l-istandards tekniċi regolatorji mill-EIOPA jistabbilixxu kif id-data fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tintuża fi prodotti u servizzi relatati mal-valutazzjoni u l-ipprezzar tar-riskju fil-każ ta' prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard.

Jenħtieġ li l-istandards tekniċi regolatorji jiġu żviluppati b'mod li jkun allinjat mal-ħtiġijiet tal-konsumatur u proporzjonat mal-forniment ta' tali prodotti u servizzi. Jenħtieġ li l-istandards tekniċi regolatorji żviluppati mill-EIOPA u l-EBA jelaboraw ukoll fuq il-limiti biex iqabblu "data tal-klijenti" ma' tipi oħra ta' data personali, bħad-data personali miksuba minn sorsi ta' parti terza, bħal min-networks tal-midja soċjali jew minn sensar tad-data.

Or. en

Emenda 191
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent, inkluż meta d-data personali tiġi kondiviża abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li ***l-klijent*** jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi	(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent, inkluż meta d-data personali tiġi kondiviża abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li ***ma jinkoraġġix jew jinfluwenza lill-klijent biex jagħti aċċess b'tali mod li***

jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li d-detenturi tad-data jinfurmaw lill-utenti tad-data f'ħin reali bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data f'ħin reali dwar permessi ġodda u stabbiliti mill-ġdid mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679.	***materjalment iħarbat jew ifixkel il-kapaċità tagħhom li jieħdu deċiżjoni libera u informata, għax il-klijent għandu*** jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju***. Huwa essenzjali li l-konsumaturi jkunu jafu eżattament għal xiex qed jagħtu l-permess tagħhom u li japplikaw id-drittijiet tagħhom skont il-GDPR. Din l-informazzjoni għandha tingħata lill-konsumaturi b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem. Sabiex il-konsumaturi jibqgħu jikkontrollaw id-data tagħhom b'mod effettiv, l-użu ta' dark patterns u kaxxi ttikkjati minn qabel fid-dashboards mhumiex permessi għall-finijiet li jingħataw permessi għall-kondiviżjoni tad-data***. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li d-detenturi tad-data jinfurmaw lill-utenti tad-data f'ħin reali bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data f'ħin reali dwar permessi ġodda u stabbiliti mill-ġdid mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 192
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi	(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi

juri l-permessi mogħtija minn klijent, inkluż meta d-data personali tiġi kondiviża abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li d-detenturi tad-data jinfurmaw lill-utenti tad-data ***f'ħin reali*** bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data ***f'ħin reali*** dwar permessi ġodda u stabbiliti mill-ġdid mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

juri l-permessi mogħtija minn klijent, inkluż meta d-data personali tiġi kondiviża abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li d-detenturi tad-data jinfurmaw lill-utenti tad-data ***minnufih*** bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data ***minnufih*** dwar permessi ġodda u stabbiliti mill-ġdid mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679. ***Id-dashboard tal-permessi jista' jiġi kkombinat mad-dashboard tal-permessi stabbiliti skont ir-Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament.***

Or. en

Emenda 193
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent***, inkluż meta d-data personali tiġi kondiviża abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt***.	(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-

Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li ***d-detenturi*** tad-data jinfurmaw ***lill-utenti tad-data f'ħin reali*** bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data ***f'ħin reali*** dwar permessi ġodda ***u stabbiliti mill-ġdid*** mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li ***l-utenti*** tad-data jinfurmaw ***lid-detenturi tad-data minnufih*** bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data ***minnufih*** dwar permessi ġodda mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 194
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent***, inkluż meta d-data personali tiġi kondiviża abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt***. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti.	(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li ***l-utenti*** tad-data jinfurmaw ***lid-detenturi tad-data minnufih*** bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard

Jenħtieġ li ***d-detenturi*** tad-data jinfurmaw ***lill-utenti tad-data f'ħin reali*** bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data ***f'ħin reali*** dwar permessi ġodda ***u stabbiliti mill-ġdid*** mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data ***minnufih*** dwar permessi ġodda mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 195
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "data tal-klijenti" tfisser data personali u mhux personali li tinġabar, tinħażen u tiġi pproċessata b'mod ieħor minn istituzzjoni finanzjarja bħala parti mill-perkors normali tan-negozju tagħha mal-klijenti li tkopri kemm id-data pprovduta minn klijent, kif ukoll id-data ġġenerata bħala riżultat tal-interazzjoni tal-klijenti mal-istituzzjoni finanzjarja;	(3) "data tal-klijenti" tfisser data personali u mhux personali li tinġabar, tinħażen u tiġi pproċessata b'mod ieħor minn istituzzjoni finanzjarja bħala parti mill-perkors normali tan-negozju tagħha mal-klijenti li ***tkun disponibbli għall-klijent u li*** tkopri kemm id-data pprovduta minn klijent, kif ukoll id-data ġġenerata bħala riżultat tal-interazzjoni tal-klijenti mal-istituzzjoni finanzjarja;

Or. en

Emenda 310
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "data tal-klijenti" tfisser data personali u mhux personali li tinġabar, tinħażen u tiġi pproċessata b'mod ieħor minn istituzzjoni finanzjarja bħala parti mill-perkors normali tan-negozju tagħha mal-klijenti li tkopri ***kemm id-data*** pprovduta minn klijent***, kif ukoll id-data ġġenerata bħala riżultat tal-interazzjoni tal-klijenti mal-istituzzjoni*** finanzjarja;	(3) "data tal-klijenti" tfisser data ***bażika*** personali u mhux personali li tinġabar, tinħażen u tiġi pproċessata b'mod ieħor minn istituzzjoni finanzjarja bħala parti mill-perkors normali tan-negozju tagħha mal-klijenti li tkopri ***d-data*** pprovduta minn klijent ***lil istituzzjoni*** finanzjarja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data ġġenerata bħala riżultat tal-interazzjoni tal-klijenti mal-istituzzjoni finanzjarja spiss tkun data proprjetarja li ma għandhiex tiġi kondiviża mal-kompetituri.

Emenda 311
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "ftehim ta' kreditu" tfisser ftehim ta' kreditu kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 4, tad-Direttiva 2021/2167;

Or. en

Emenda 312
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***minbarra fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet li jiġbor, jaħżen u jipproċessa b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1)***;	(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja;

Or. en

Emenda 313
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***minbarra*** fornitur ta' ***servizzi*** ta' informazzjoni ***dwar il-kontijiet li jiġbor, jaħżen u jipproċessa*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);	(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***jew*** fornitur ta' ***servizz*** ta' informazzjoni ***finanzjarja li jżomm waħda mill-kategoriji tad-data skont l-Artikolu 2(1), li jiġbru, jaħżnu u jipproċessaw*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);

Or. en

Emenda 314
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***minbarra*** fornitur ta' ***servizzi*** ta' informazzjoni ***dwar il-kontijiet li jiġbor, jaħżen u jipproċessa*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);	(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***jew*** fornitur ta' ***servizz*** ta' informazzjoni ***finanzjarja li jżomm waħda mill-kategoriji tad-data skont l-Artikolu 2(1) li jiġbru, jaħżnu u jipproċessaw*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);

Or. en

Emenda 315
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja minbarra fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet li ***jiġbor, jaħżen u jipproċessa b'xi mod ieħor*** id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);	(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja minbarra fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet li ***tiġbor u taħżen*** id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);

Or. en

Emenda 316
Giuseppe Ferrandino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***minbarra*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni ***dwar il-kontijiet li jiġbor, jaħżen u jipproċessa*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);	(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***jew*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni ***finanzjarja li jiġbru, jaħżnu u jipproċessaw*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi u jiġi evitat fluss unilaterali ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji lil partijiet terzi, il-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom ukoll jikkwalifikaw bħala detenturi tad-data b'referenza għad-data li jkunu kisbu direttament mill-klijenti tagħhom stess u li taqa' fl-ambitu tal-FIDA.

Emenda 317
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "servizz ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser is-servizz online biex tinġabar, tiġi kkonsolidata, tinħażen u tiġi pproċessata d-data għal entitajiet elenkat mill-Artikolu 2(2) u awtorizzat biex jipprovdi servizzi finanzjarji u joffri prodotti finanzjarji lill-klijenti.

Or. en

Emenda 318
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser is-servizzi online biex tingħabar, tiġi kkonsolidata, tinħażen u tiġi pproċessata d-data tal-klijenti sabiex jiġi fornut servizz finanzjarju lill-klijenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Entità li l-attività ewlenija tagħha ma tkunx finanzjarja m'għandux ikollha l-kapaċità li taċċessa d-data Ewropea tal-klijent, sabiex tipprovdi servizz li m'għandu x'jaqsam xejn ma' servizz finanzjarju. Għal dan il-għan, il-FiDA għandha tiddefinixxi s-servizzi ta' informazzjoni finanzjara pprovduta mill-FISPs. Il-kwalifikazzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni pprovduti mill-FISPs bħala servizzi pprovduti sabiex jippprovdu servizzi finanzjarji se tagħmilha possibbli li ssaħħaħ ir-rekwiżiti għal partijiet barranin li jistabbilixxu ruħhom fl-UE.

Emenda 319
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "servizz ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser is-servizz online biex tingħabar, tiġi kkonsolidata u tkun tista' titqabbel id-data tal-klijenti li tkun miżmuma minn detentur wieħed jew ħafna tad-data;

Or. en

Emenda 320
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "servizz ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser servizz online li jiġbor jew jikkonsolida u jaħżen id-data tal-klijenti miżmuma minn detentur wieħed jew ħafna tad-data;

Or. en

Emenda 321
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) "servizz finanzjarju" tfisser kwalunkwe servizz ta' natura bankarja, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni personali, ta' investiment jew ta' ħlas;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni mill-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2002/65/KE dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji għall-konsumaturi.

Emenda 322
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) **"**fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja***;***	(7) fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data ***stabbilit fl-Unjoni Ewropea*** li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ***biss. Kwalunkwe impriża maħtura bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-***

Regolament (UE) 2022/1925 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), ma għandhiex tkun eliġibbli bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 323
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;	(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ***u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(3)***;

Or. en

Emenda 324
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) ***għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja***;	(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data ***jew detentur tad-data*** li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) ***għall-finijiet ta' forniment ta' prodotti jew servizzi finanzjarji***;

Or. en

Emenda 325
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;	(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser utent tad-data ***jew detentur tad-data*** li huwa awtorizzat skont l-Artikolu 14 biex jaċċessa d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;

Or. en

Emenda 326
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a) "servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser is-servizzi maħsuba biex jipprovdu lill-klijenti b'informazzjoni dwar il-prodotti finanzjarji elenkati fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament preżenti. Is-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ma għandhomx jinkludu l-forniment ta' servizzi regolati skont il-leġiżlazzjoni finanzjarja settorjali fis-seħħ u riżervati għal entitajiet finanzjarji regolati. Is-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ma għandhomx jinkludu servizzi ta' konsulenza finanzjarja jew ta' distribuzzjoni ta' assigurazzjonijiet regolati skont id-Direttiva (UE) 2016/97 jew id-Direttiva 2014/65/UE;

Or. es

Emenda 327
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Alfred Sant, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser servizzi online li jipprovdu informazzjoni konsolidata dwar wieħed jew aktar prodotti ta' servizzi finanzjarji elenkati fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament, bil-għan li jfornu ħarsa ġenerali minnufih, u fi kwalunkwe ħin, lill-klijenti tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom;

Or. en

Emenda 328
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser servizzi online li jipprovdu informazzjoni konsolidata dwar wieħed jew aktar prodotti ta' servizzi finanzjarji elenkati fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament, bil-għan li jfornu ħarsa ġenerali lill-klijenti tas-sitwazzjoni finanzjarja minnufih fi kwalunkwe ħin;

Or. en

Emenda 329
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser servizzi online li jipprovdu informazzjoni konsolidata dwar wieħed jew aktar kategoriji ta' data finanzjarja tal-klijenti elenkati fl-Artikolu 2(1);

Or. en

Emenda 330
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "kont ta' investiment" tfisser kwalunkwe reġistru ġestit minn ditta ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew sensar tal-assigurazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet kurrenti fi strumenti finanzjarji jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-klijent tagħhom, inklużi tranżazzjonijiet tal-passat u punti ta' data oħrajn relatati ma' avvenimenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dak l-istrument;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni mhijiex neċessarja għax m'hemm l-ebda artikolu li qed jirreferi għaliha.

Emenda 331
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "kont ta' investiment" tfisser kwalunkwe reġistru ġestit minn ditta ta'	***imħassar***

investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew sensar tal-assigurazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet kurrenti fi strumenti finanzjarji jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-klijent tagħhom, inklużi tranżazzjonijiet tal-passat u punti ta' data oħrajn relatati ma' avvenimenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dak l-istrument;

Or. en

Emenda 332
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "kont ta' investiment" tfisser kwalunkwe reġistru ġestit minn ditta ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew sensar tal-assigurazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet kurrenti fi strumenti finanzjarji jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-klijent tagħhom, inklużi tranżazzjonijiet tal-passat ***u punti ta' data oħrajn relatati ma' avvenimenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dak l-istrument***;	(9) "kont ta' investiment" tfisser kwalunkwe reġistru ġestit minn ditta ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew sensar tal-assigurazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet kurrenti fi strumenti finanzjarji jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-klijent tagħhom, inklużi tranżazzjonijiet tal-passat;

Or. en

Emenda 333
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "kont ta' investiment" tfisser kwalunkwe reġistru ġestit minn ditta ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew ***sensar*** tal-assigurazzjoni dwar il-	(9) "kont ta' investiment" tfisser kwalunkwe reġistru ġestit minn ditta ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew ***intermedjarju*** tal-assigurazzjoni dwar il-

parteċipazzjonijiet kurrenti fi strumenti finanzjarji jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-klijent tagħhom, inklużi tranżazzjonijiet tal-passat u punti ta' data oħrajn relatati ma' avvenimenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dak l-istrument;	parteċipazzjonijiet kurrenti fi strumenti finanzjarji jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-klijent tagħhom, inklużi tranżazzjonijiet tal-passat u punti ta' data oħrajn relatati ma' avvenimenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dak l-istrument;

Or. es

Emenda 334
Ondřej Kovařík

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) "istituzzjoni tal-flus elettroniċi eżentata skont id-Direttiva 2009/110/KE" tfisser istituzzjoni tal-flus elettroniċi li tibbenefika minn rinunzja kif imsemmi fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/110/KE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 335
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) "aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu" tfisser aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kif definita fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41];	***imħassar***

[41] Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302,

17.11.2009, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kondiviżjoni tad-data hija ta' użu limitat fil-każ ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Id-data użata mis-CRAs hija fil-biċċa l-kbira data pprovduta direttament mill-klijent. Il-biċċa l-kbira tad-data l-oħra hija ta' natura kummerċjalment sensittiva u m'għandhiex tiġi kondiviża mal-kompetituri.

Emenda 336
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) "aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu" tfisser aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kif definita fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41];	***imħassar***

[41] Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

Or. en

Emenda 337
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) "rappreżentant legali" tfisser persuna fiżika domiċiljata fl-Unjoni jew persuna ġuridika bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Unjoni u li ġiet espressament	***imħassar***

maħtura minn fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja stabbilit f'pajjiż terz u li taġixxi f'isem tali fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fil-konfront tal-awtoritajiet, il-klijenti, il-korpi u l-kontropartijiet għall-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni fir-rigward tal-obbligi tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 338
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) "rappreżentant legali" tfisser persuna fiżika domiċiljata fl-Unjoni jew persuna ġuridika bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Unjoni u li ġiet espressament maħtura minn fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja stabbilit f'pajjiż terz u li taġixxi f'isem tali fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fil-konfront tal-awtoritajiet, il-klijenti, il-korpi u l-kontropartijiet għall-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni fir-rigward tal-obbligi tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 339
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(29) "rappreżentant legali" tfisser persuna fiżika domiċiljata fl-Unjoni jew persuna ġuridika bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Unjoni u li ġiet espressament maħtura minn fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja stabbilit f'pajjiż terz u li taġixxi f'isem tali fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fil-konfront tal-awtoritajiet, il-klijenti, il-korpi u l-kontropartijiet għall-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni fir-rigward tal-obbligi tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;		***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mat-taħsir tal-Artikolu 13.

Emenda 340
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) "permess" tfisser awtorizzazzjoni ċara u mhux ambigwa għal utent tad-data biex jaċċessa d-data tal-klijenti, ipprovduta mill-klijenti nfushom permezz ta' dashboard tal-permessi li abbażi ta' dan id-detentur tad-data jkun meħtieġ jagħmel disponibbli d-data rikjesta għal dak l-għan speċifiku. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji tal-Artikolu 4(11) u l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 679/2016 għandhom japplikaw għall-permessi wkoll;

Or. en

Emenda 341

Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) "Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" jew SMEs, tfisser SME kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

Or. en

Emenda 342
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa ***b'mezzi elettroniċi***, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli ***għall-klijent*** mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u ***f'ħin reali***.	Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa ***permezz ta' interfaċċa ddedikata għall-klijenti***, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli ***lill-klijent*** mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u ***fl-istat li tkun tinsab miżmuma mid-detentur tad-data fil-ħin li l-aċċess ikun intalab mill-klijent***.

Or. en

Emenda 343
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent ***sottomessa b'mezzi elettroniċi,*** jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u	Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent ***awtorizzat minn mekkaniżmu b'saħħtu ta' awtentikazzjoni tal-klijent*** jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent ***permezz ta'***

f'ħin reali.	***interfaċċa tal-klijent online,*** mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas***, u meta rilevanti u teknikament fattibbli***, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Emenda 344
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u f'ħin reali.	Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u f'ħin reali***, jekk xieraq fiċ-ċirkostanzi***.

Or. en

Emenda 345
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u f'ħin reali.	Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi ***jew f'format analogu***, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Emenda 346
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u f'ħin ***reali***.	Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u f'ħin ***debitu***.

Or. en

Emenda 347
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa ***b'mezzi elettroniċi***, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u ***f'ħin reali***.	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent ***biex jagħmel hekk u li tkun*** sottomessa ***permezz ta' interfaċċa ddedikata għall-klijent***, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) ***biss*** għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u ***fl-istat li tkun miżmuma mid-detentur tad-data fil-ħin li jintalab l-aċċess mill-utent tad-data. Meta ma jkunx hemm skema, il-kondiviżjoni tad-data tista' sseħħ abbażi ta' ftehim kuntrattwali bejn id-detentur tad-data u l-utent tad-data***.

Or. en

Emenda 348
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba ***espliċita*** minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent ***tad-data.*** Kwalunkwe talba minn klijent għandha tispjega b'mod espliċitu s-servizz speċifiku għalfejn il-klijent jagħti l-kunsens għall-użu tad-data tiegħu mill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunsens tal-klijent jinsab fil-qalba tal-proposta tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dan il-kunsens għandhom jissaħħu. Meta klijent jagħti l-kunsens tiegħu biex jikkondividi d-data tiegħu, m'għandux ikun faċli bħal sempliċiment jittikkja kaxxa. Jeħtieġ li l-klijenti jifhmu liema data qed jikkondividu u għal liema servizz.

Emenda 349
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent ***sottomessa b'mezzi elettroniċi***, jagħmel disponibbli għal utent tad-data ***d-data*** tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess ***lill-utent tad-data***. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba ***espliċita*** minn klijent ***awtorizzat minn mekkaniżmu b'saħħtu għall-awtentikazzjoni tal-klijenti***, jagħmel disponibbli għal utent tad-data ***li jaġixxi f'isem il-klijent, id-data*** tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) ***biss*** għall-finijiet ***relatati mas-servizz speċifiku*** li għalihom il-klijent ikun ta l-permess ***espliċitu għall-użu tad-data tiegħu***. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-

data mingħajr dewmien żejjed***, u meta rilevanti u teknikament fattibbli***, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Emenda 350
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data ***u sa fejn l-utent tad-data juri bażi legali valida skont l-Artikolu 6(1)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2016/679***. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Emenda 351
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data ***d-data*** tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data***, li huwa membru ta' skema finanzjarja tal-kondiviżjoni tad-data, id-data*** tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data . Id-data tal-

dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.	klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament aħjar mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

Emenda 352
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali***, fejn xieraq fiċ-ċirkostanzi***.

Or. en

Emenda 353
Eero Heinäluoma, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Aurore Lalucq

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha tkun	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba ***espliċita*** minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess lill-utent tad-data. Id-data tal-klijenti għandha

disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.	tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Emenda 354
Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe impriża maħtura bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925, ma għandhiex tkun utent tad-data eliġibbli skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 355
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe impriża maħtura bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925, ma għandhiex tkun utent tad-data eliġibbli skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-Att dwar id-Data, huwa rakkomandat li tiġi introdotta dispożizzjoni li tipprevjeni lill-gwardjani maħtura skont id-DMA milli jaċċessaw id-data skont il-FIDA.

Emenda 356

Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe impriża maħtura bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925, ma għandhiex tkun utent tad-data eliġibbli skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 357
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11.	2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11. ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu tad-data fuq bażi purament kuntrattwali mingħajr ma jsir użu mill-obbligi tal-aċċess għad-data stabbiliti minn dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 358
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11.	2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11. ***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu tad-data fuq bażi purament kuntrattwali mingħajr ma jsir użu mill-obbligi tal-aċċess għad-data stabbiliti minn dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 359
Frances Fitzgerald

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11.	2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu tad-data fuq bażi purament kuntrattwali mingħajr ma jsir użu mill-obbligi tal-aċċess għad-data stabbiliti minn dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jirrifletti kliem simili fil-premessa 50.

Emenda 360
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11.	2. Detentur tad-data jista' jitlob kumpens minn utent tad-data biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli skont il-paragrafu 1 biss jekk id-data tal-klijenti tkun disponibbli għal utent tad-data f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' kondiviżjoni tad-data finanzjarja, kif previst fl-Artikoli 9 u 10, jew jekk issir disponibbli skont l-Artikolu 11. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu tad-data fuq bażi purament kuntrattwali mingħajr ma jsir użu mill-obbligi tal-aċċess tad-data stabbiliti minn dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 361
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jitlob lill-utenti tad-data juru li jkunu kisbu l-permess tal-klijent biex jaċċessaw id-data tal-klijenti miżmuma mid-detentur tad-data;	(c) jitlob lill-utenti tad-data juru li ***jkollhom bażi legali valida skont l-artikolu 6(1)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2016/679 u li*** jkunu kisbu l-permess tal-klijent biex jaċċessaw id-data tal-klijenti miżmuma mid-detentur tad-data;

Or. en

Emenda 362
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jirrispetta l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali meta d-data tal-klijenti tiġi aċċessata f'konformità mal-Artikolu 5(1).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-detentur tad-data ma jistax jivvaluta liema data hija relatata ma' sigrieti kummerċjali jew ma' drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Dan jista' jsir biss mill-klijent. Għalhekk, id-detentur tad-data ma għandu jinżamm responsabbli għal ebda ksur.

Emenda 363
Laurence Sailliet

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Kwalunkwe impriża maħtura bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli skont dan ir-Regolament u għalhekk id-detentur tad-data ma għandux jagħti aċċess għad-data tal-klijenti lil tali entitajiet.

Or. en

Emenda 364
Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Permess tal-klijent
	1. Kwalunkwe permess mogħti minn klijent għandu jingħata għal perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx is-6 xhur.
	2. Kwalunkwe permess mogħti minn klijent ma għandux jiġġedded b'mod taċitu.
	3. Klijent jista' jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data fi kwalunkwe ħin u mingħajr ħlas. ***Meta l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, klijent jista' jirtira l-permess li jkun ta biex jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli għal utent tad-data skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom ikun soġġett.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr il-kunsens tal-klijent, l-ebda data ma ssir aċċessibbli għall-utenti tad-data. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dan il-kunsens għandhom jissaħħu: il-kunsens tal-klijent mogħti lill-utent tad-data jrid ikun espliċitu, għal servizz partikolari, identifikat b'mod ċar u limitat fiż-żmien, mingħajr il-possibbiltà li jiġġedded b'mod taċitu. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu inklużi f'artikolu ddedikat dwar il-permess tal-klijenti.